# Il-Wirt Moħbi fil-Mużewijiet Maltin

John Sare

Nazzjon kburi b'ġensu, hu wkoll kburi bil-wirt kulturali li għandu. Għal dan il-għan, kull pajjiż fid-dinja għani jew fqir, kbir jew żgħir ħoloq spazji fil-magħluq jew fil-beraħ, biex iżomm flimkien tifkiriet li għandhom diversi stejjer x'jirrakkuntaw.

L-avvenimenti tal-passat li għaddew minnhom missirijietna nistgħu narawhom u nifhmuhom sew minn pittura, minn oġġett, minn statwa u minn kull esibit jekk dan ikun kapaċi jqanqal fina kurżita. Barra minn hekk il-wirja għandha l-importanza tagħha minħabba l-interess artistiku tagħha.

Kollezzjonijiet bħal dawn jinsabu f'postijiet maħluqa apposta għalihom – il-Mużew.

Hi ħasra kbira li ħafna huma dawk li ma jagħtux kas ta' dawn il-postijiet. Bosta huma r-raġunijiet. Waħda mir-raġunijiet ta' nuqqas ta' interess, hu żgur il-fatt li meta tidħol fil-mużew, ser issib ma' wiċċek ħafna affarijiet murija li jekk ma hemmx minn jispjega l-interess ma jitqanqalx u tkun biss viżta mingħajr valuri.

Il-Mużewijiet Maltin huma sinjuri. Kollha għandhom x'joffru lil min iżurhom. Kollha għandhom l-ingredjenti biex jgħarfuna l-oriġini tagħna li hu distint minn ta' ħaddieħor.

Il-Mużew irid jitqies bħala avveniment, bħala storja u bħala persunaġġ. Il-Mużew hu istituzzjoni ħajja u għalhekk irid dejjem jikber maż-żmien. Il-Mużew jista' jinstab fil-każin tal-banda; fis-sagristija tal-parroċċa; kull kollezzjoni hi biss il-bidu tal-mużew.

Ħafna mill-Mużewijiet Maltin huma postijiet storiċi li jafu l-bidu tagħhom mal-wasla tal-Ordni ta' San Ġwann. Xi wħud huma qabel ukoll. Mużew partikulari hu Bir Mula, li jaf il-bidu tiegħu fl-1400.

Il-Mużewijiet Maltin huma żgħar imma l-wirt kulturali hu kbir u sinjur, ħafna drabi wisq akbar minn ta' nazzjonijiet oħra. Dan minħabba ċ-ċokon tal-gżira tagħna.

L-arti, l-arkeoloġija, il-folklor, in-natura, ix-xjenza u t-teknoloġija huma n-nuklei tal-ġabra visiva tal-kollezzjonijiet Maltin. Kull ġabra tipprova tfisser l-imgħoddi, jingħaqad mal-wirt kulturali u jsir parti integrali, ħaġa waħda mal-Kultura Maltija.

Ikun ħin mitluf jekk il-Mużew ma jkunx kapaċi jqanqal interess u kurżità fil-viżitatur biex jagħraf u jifhem il-messaġġ li kull esebit qed jittrasmetti.

Il-mużew irid ikun laboratorju ta' ħidma u istituzzjoni dinamika li trid twassal liċ-ċittadin għall-edukazzjoni dejjiema.

**Il-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija**

Il-bini tal-Mużew tal-Arkeoloġija hu bini Barokk fl-aqwa tiegħu. Hu berġa li nbniet fl-1571 mill-Ordni ta' San Ġwann għall-Kavallieri tal-lingwa ta' *Provence*. Il-bereġ inbnew għal dawk il-



Arkeoloġija

Kavallieri li ma kellhomx flus biżżejjed biex jixtru propjetà u anki għal dawk li ma kellhomx dħul biżżejjed għall-għajxien tal-ġurnata. Fi ftit kliem il-bereġ kienu *hostels*.

Il-Berġa ta' *Provence* hi waħda mill-isbaħ bereġ li għad baqgħalna. L-arkitettura tirrifletti Barokk mill-isbaħ li kien qed jiġi mibni madwar l-Ewropa fis-seklu 16. Bla dubju ta' xejn Ġlormu Cassar ħalla l-marki tas-swaba fuq dan il-bini. Cassar hu l-firmatarju tal-bereġ kollha li għadhom weqfin u ma' dawn irridu nżidu bini ta' importanza kbira li llum għadna ngawduh. Is-seklu 20 tana kważi ċertezza għalkollox li anki l-pjanta hi ta' Ġlormu.

L-isbaħ kamra ta' dan il-bini hi l-*Gran Salon*, fejn ħafna drabi jiġu mtella' wirjiet tal-għola livell. Fi żmien il-kavallieri, din il-kamra kienet il-kamra fejn kienu jiltaqgħu l-kavallieri ta' *Provence* biex jiddiskutu attivitajiet u xi xogħol ieħor ta' kuljum; kienet ukoll ir-refertorju u l-post fejn kienu jsiru ikliet kbar u ballijiet. Kienet il-kamra li rat protokol l-aktar riġidu għax l-anzjanità fil-grad jew fiż-żmien fost il-kavallieri kienet sakrosanta.

Bejn l-1798 u l-1826, insibu lil *Malta Union Club*, li fil-maġġoranza kbira tal-membri kienu uffiċjali għolja tas-Servizzi Ingliżi. Il-bini



Mużew Arkeloġija

sarlu tibdil intern imma b'xorti t-tajba waqt ir-restawr li sar fl-aħħar nofs tal-ħamsinijiet reġa' ġie kollox bħal qabel. Għal żmien qasir il-Berġa serviet ukoll bħala lukanda.

Fl-1958, il-Ministru tal-Edukazzjoni Agatha Barbara, waqqfet il-Mużew tal-Arkeoloġija bl-ewwel kuratur Malti l-Kaptan Charles Zammit, it-tifel ta' Dr. Temi Zammit. Billi mal-artifatti arkeoloġiċi kien hemm ukoll artifatti li kellhom x'jaqsmu mal-arti, fl-1974, il-parti artistika tneħħiet u sabet ruħha f'South Street. Il-Wirja permanenti hi biss dwar il-Fażi Neolitika li hija żmien mill-aktar importanti fl-istorja ta' Malta kif ukoll dik Mediterranja. Fil-Mużew hemm biss l-oriġinal.

Fil-Preistorja ma hemmx ismijiet ta' nies jew ġnus. Id-dati li joħorġu minn riċerki huma "bejn wieħed u ieħor". Il-Preistorja Maltija għandha 3 taqsimiet importanti - Żmien in-Neolitiku - Żmien it-Tempji - Żmien il-Bronż. Dan mhux biżżejjed. Kull taqsima għandha l-Fażi tagħha li isimha jittieħed mill-post - villaġġ jew għalqa - ta' fejn ikun instab ħafna fuħħar. Eżempju ta' dan huwa l-fażi Għar Dalam - dan ma jfissirx li din il-fażi hi ta' Birżebbuġa biss imma tapplika għall-postijiet kollha fejn instab fuħħar li jaqbel ma' dak li nstab ġewwa Għar Dalam.

Il-wirja għaddiet minn fażijiet ta' tibdil, dejjem tibdil għall-aħjar. Nisperaw li ż-Żmien Puniku li ilna tant nistennewh ma jdumx ma jiftaħ ħalli nżidu ġawhra oħra man-Neolitiku.

**Il-Mużew Nazzjonali tal-Antikitajiet Rumani**
Kien Sir Temi Zammit li waqqaf jew aħjar ta bidu il-Mużew li hemm bil-fdalijiet tad-Domus Rumana. Is-sejba ta' dan id-Domus kienet waħda mill-aktar importanti taż-Żmien Ruman. Għal żmien twil kienet tissejjaħ Villa Rumana li meta nbena l-Mużew tawh faċċata ta' Villa. Fil-fatt din id-dar inbniet fiż-żmien li Melite kienet belt ħafna akbar mill-Imdina tal-lum. Hu żball kbir meta ngħidu li l-Għarab ċekknu l-belt tal-Imdina. Kienu l-Biżantini li ċeknuha minħabba li f'Malta ma kellhomx nies biżżejjed biex jiddefenduha. Il-Professur Denis De Lucca jgħid li tliet kwarti ta' tagħrif li aħna nattribbwixxu lill-Għarab, fil-fatt sar mill-Biżantini.

Fl-1881 instabu fdalijiet ta' dar Rumana u parti mill-belt ta' Melite. Fuq dawn il-fdalijiet Rumani kien hemm ħotba kbira bil-materjal li nġabar matul is-snin. F'din il-ħotba u qalb dan il-

materjal, Caruana kixef 254 qabar Musulman. Ir-Rumani dejjem bnew vilel fil-kampanja u qatt fil-belt. Meta dawn il-fdalijiet Rumani raw id-dawl tax-xemx, mill-ewwel intwera' l-importanza ta' dan is-sit. Iżda l-awtoritajiet Ingliżi, fis-sena 1899, kontra l-insistenza tal-Maltin, bdew triq li tieħu għall-Imtarfa u qattgħu blat biex jibnu linja tal-ferrovija. Partijiet sostanzjali mid-dar ġew meqruda, u l-informazzjoni ġiet meqruda darba għal dejjem. La l-Ingliżi u lanqas il-Maltin ma ndenjaw ruħhom jieħdu noti ta' dak li nstab waqt ix-xogħol.

Wara li Annetto Caruana ġabar il-fdalijiet kollha f'post wieħed, Dr. Temi Zammit ħeġġeġ lill-awtoritajiet biex jinbena mużew ħall jospita dawn il-fdalijiet Rumani. Il-Mużew tlesta fl-1926 li kellu wkoll numru ta' kmamar. Mill-ewwel kien mużew favorit mal-Maltin. Biex kemm jista' jkun, ikun tassew Mużew tal-Antikitajiet Rumani, inġabru ukoll fdalijiet oħra minn madwar Malta, minn dipartimenti tal-Gvern u kif ukoll mingħand individwi li taw oġġetti fuq bażi ta' self permanenti.

Fis-sena 2002 il-Mużew ingħalaq biex isirlu *refurbishment* denju taż-żmien daqshekk importanti u li jixraq lis-seklu 21. Kienet *joint venture* bejn Heritage Malta u Malta Tourism Authority. Ma setgħetx titħalla barra l-fażi Musulmana ladarba kienet parti integrali mis-sit innifsu.

Għalhekk dan il-Mużew iħaddan fih iż-Żmien Ruman u ż-Żmien Musulman ta' bejn is-snin 871 u 1249 wK.

**Il-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra**
Bħali tiftakru meta l-Armerija u l-Mużew tal-Gwerra kienu flimkien taħt saqaf wieħed. Fis-snin 70 twaqqfet l-għaqda voluntiera li riedu jwaqqfu mużew li jfakkar it-Tieni Gwerra Dinjija.

Il-Forti Sant'Iermu hu l-post ideali biex fih jospita Mużew tal-Gwerra. Ebda post ieħor fil-Belt mhu addattat. Il-fortizza tatna żewġ episodji fl-istorja li baqgħu u jibqgħu mfakkra għal dejjem. Dawn huma l-Assedju l-Kbir tal-1565 u l-Assedju tal-1941 u l-1942. Kien minn Sant'Ielmu li fis-26 ta' Lulju 1941, u s-suldati għassa ndunaw bl-*eboats*, 14 b'kollox, li qedgħin jippruvaw jisfrondaw ix-xibka li kienet tagħlaq id-daħla tal-Port. L-għan tagħhom kien li jtajru l-convoy li kien għadu kif wasal.



Mużew tal-gwerra

Il-Mużew ifakkarna kemm fl-Ewwel Gwerra kif ukoll fit-Tieni Gwerra Dinjija. Kif tistgħu tissoponu t-Tieni Gwerra hi aktar rappreżentata għax lilna laqtitna mill-viċin ħafna.

Il-Gwerra tal-1914-1918 poġġiet lil Malta f'pożizzjoni ta' sptar. Fil-fatt Malta kienet imlaqqma *Nurse of the Mediterranean*. Apparti minn hekk kienet ukoll tilqa' lill-priġunieri tal-gwerra, bir-responsabbiltà kbira li dawn ma jaħarbux.

Il-Mużew juri wkoll iċ-ċirkostanzi li waslu għall-gwerra tal-1939-1945. Naraw kif it-*Treaty of Versailles* laqat il-pajjiżi l-kbar u kif dawn irreaġixxew. Nitkellmu fuq il-Partit Faxxista Malti – tnejn fil-verità – wieħed leali lejn l-Italja u l-ieħor leali lejn ir-Re Ġorġ.

Hu mużew interessanti u mhux li wieħed jidħol u joħroġ.

**Il-Mużew Marittimu tal-Birgu**
Billi Malta hi wisq marbuta mal-pożizzjoni ġeografika marittima, kien ħsieb tassew għaqli li l-Mużew Marittimu jitwaqqaf il-Birgu. Twaqqaf fil-bini mibni mill-Ingliżi biex ifornu l-flotta navali bil-bżonnijiet tagħha.

Fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann il-Birgu kien l-ewwel villaġġ marittimu fejn stabillixxew il-kwartieri tagħhom. L-istorja tal-Gżejjer Maltin

hi marbuta mal-baħar u mal-kosta, tant li kieku nneħħu l-Port il-Kbir u l-baħar mill-aspett Malti, kien ikollna storja wisq differenti milli għandna llum.

L-Ordni ma kellux diffikultà juża x-xatt għat-tiswija u l-bini ta' vapuri għax diġà kien hemm nies tas-sengħa li jagħmlu dan ix-xogħol. Wara l-bini tal-Belt Valletta, il-Birgu baqa' l-aktar wieħed importanti għall-Ordni.

Il-Mużew ra l-bidu tiegħu minn Antonio Espinosa Rodriques, li laħaq kuratur tal-istess mużew. Bdieh mix-xejn u waslu sa fejn qiegħed illum. Hu mużew ħaj, li għadu sa dawn iż-żminijiet jikber u jilqa' donazzjonijiet permanenti u oħrajn fuq bażi ta' self.

L-idea tal-mużew ġiet mingħand Dr Mifsud Bonnici. Fl-1988 beda r-restawr tal-bini mill-istudenti tal-iskola Ġlormu Cassar *School of Building*. Il-mużew jagħti tagħrif fuq il-parti qadima tax-xatt tal-Belt speċjalment fejn kien hemm il-funtana. Joffri wkoll arkeoloġija marittima permezz ta' ankri u anfori li ttellgħu minn qiegħ il-baħar madwar il-gżejjer Maltin. Hemm ukoll mudelli ta' bastimenti kemm tal-ġlied kif ukoll tal-kummerċ.

Interessanti ħafna f'dan il-mużew hu l-kwadru pittura tal-battalja ta' Lepanto 1571. Il-kavallier Sarria kien tah bħala wegħda. Hu kien ħa sehem attiv f'din il-battalja. Il-battalja ta' Lepanto involviet 400 bastiment u kienet



Mużew tal-Katidral

l-aħħar waħda miġġielda b'dawn it-tipi ta' bastimenti li naraw fil-mużew.

Il-mudell tal-Mużew Marittimu ta' Greenwich ta' Londra ingħata mudell lill-Isptar Navali ta' Bighi. Dan huwa kopja tajba ħafna ta' dak li għandna aħna fil-mużew tal-Birgu.

**L-Armerija tal-Palazz**

Ġewwa Rodi l-Ordni ta' San Ġwann kien diġà organizzat militarment. Għalhekk il-Kavallieri kienu organizzazzjoni militari. Huma kienu jattakkaw l-għadu tagħhom kull fejn isibuh. Konferma ta' dan li qed ngħid huma l-kurituri tal-palazz tal-President, il-Mużew Marittimu u l-Bibblijoteka. Iżda ħafna huma dawk li jaħsbu li fiż-żmien l-Ordni kien hemm armerija waħda. Fil-fatt armeriji kien hemm aktar minn waħda mxerrdin ma' Malta kollha. Hemm waħda Ħaż-Żebbuġ wara l-bus terminus; waħda Ħal Qormi li llum hi Għassa tal-Puluzija u l-oħra l-Belt Valletta faċċata tal-Palazz fejn illum hemm l-Istitut tal-Kultura Taljana.

L-Armerija Nazzjonali ta' Malta hi mifruxa f'żewġ swali. Minħabba f'hekk, fil-kamp internazzjonali kulturali, l-armerija tilfet ħafna mill-prestiġju tagħha għax m'għadhiex iżjed parti mill-Palazz. Hemm diversi armi ta' kull għamla u ta' kull daqs. Hemm ukoll armaturi sħaħ, il-ġmiel tagħhom. Meta ddur dawra mal-armerija, tista' timmaġina x'tip ta' ġlied kien isir fil-Medjuevu.

Fil-kollezzjoni hemm karozzella tas-seklu 18. Din hi magħrufa bħala "il-karozzella tal-Gran Mastru". Qabel ma l-armerija niżlet fl-istallel, kienet tagħmel parti mill-kollezzjoni. Illum din tinsab barra mis-swali fejn qed isirilha ħafna ħsara. Hija karozzella ta' stil Franċiż, bl-armi tal-Gran Mastru miżbugħa fil-ġnub. Jidher li t-tapizzerija kienet tal-bellus aħdar. Din hi karozzella ta' 6 iżwiemel. L-aħħar Gran Mastru li użaha kien Hompesch u l-ħakkiem Napuljun Bonaparti.


Armerija





Verament għandna biex niftaħru bl-armerija għandha biex tiftaħar bl-armaturi sħaħ u dawk nofshom kompluti. L-aktar armatura li hi mfittxija hi dik ta' Wignacourt. Din hi armatura elaborata ħafna. Fil-fatt hu maħsub li din qatt ma kienet maħduma biex tintuża waqt il-ġlied. Hi armatura biex tattira l-għajn, iddekorata b'disinji li huma tad-deheb. Id-deheb li fiha jkompli jsaħħar il-ħsieb li qatt ma kellha tintlibes għall-ġlied. Inħadmet fl-1610 imma fis-seklu 17 din it-tip ta' armatura kienet diġà *"obsolete"*. L-enigmatiku artist Cassarino pinġa żewġ kwadri tal-persuna ta' Wignacourt liebes din l-armatura. Il-Kwadru jinsab fil-Mużew tal-Arti u l-ieħor fil-Palazz Presidenzjali. Għal żmien twil, fuq dawn iż-żewġ kwadri kien hemm disgwid. Fihom jissemmew iż-żewġ artisti Lionello Spada u Caravaggio.

Fil-wirja nsibu wkoll tarka-pistola. Tarka hi tonda u għalkemm hi tal-metal, huwa mwaħħal fuq l-injam tas-siġra tal-ballut. Fin-nofs hemm toqba minn fejn toħroġ il-kanna tal-arma tan-nar. Hi arma tal-1520 u hi rigal ta' Neriku VIII lill-Gran Mastru L'Isle Adam.

L-armi kollha li naraw fl-armerija huma interessanti minħabba li jagħtuna storja ta' kif żviluppaw l-armi tal-ġlied. Naraw illi l-armi tal-gwerra wkoll imxew mal-moda taż-żmien, u mal-pożizzjoni soċjali ta' sidhom. Wieħed irid japprezza x-xogħol tal-artiġjanat tal-istess ħaddiema li ħolqu dawn l-armi u l-armaturi.

**Il-Kmamar Statali tal-Palazz**

Minn Palazz tal-Gran Mastri ġie mibdul f'Palazz Presidenzjali. Dan għandu jitqies bħala "palazz miftuħ għall-pubbliku bħala mużew." Jidher li mexjin f'din id-direzzjoni billi dipartiment importanti governattiv diġà ħareġ mill-pallaz. Qed nirreferi għall-Uffiċċju tal-Avukat tar-Repubblika. Dan issa qiegħed fl-ex *Main Guard*. Meta jasal dak il-jum li l-Parlament joħroġ minn hemm, ikun sar pass aktar 'il quddiem u kif inhu maħsub aktar kmamar jinfetħu għall-pubbliku.

Meta l-Ordni ta' San Ġwann, taħt La Valette, ħaseb biex jibni belt iffortifikata, qasam l-ispazji li kellhom fi blokki. Il-Palazz hu blokk nru 5. Il-faċċata ta' dan il-blokk kienet fi Strada San Giorgio, illum Triq ir-Repubblika. L-art li fuqha mibni l-palazz kienet parti mixtrija minn żewġ kavallieri Taljan u parti mixtrija min-neputi ta' Del Monte. Fl-1571 Del Monte niżżel l-Ordni l-Belt anki meta din kienet għadha lura ħafna.

Il-kavallieri sabu kenn kif setgħu u l-Gran Mastru mar għand in-neputi, Eustachio del Monte, li d-dar tiegħu kienet ta' żewġ sulari imma tal-injam. Għalhekk Del Monte tella' ħajt għoli biex jeħles mis-sħana tax-xemx.

Kien La Cassiere li xtara l-art kollha tal-blokk nru 5. u li ddeċieda li l-palazz ma jinbeniex Kastilja. Fi żmien La Cassiere kien għad hemm biss is-Sala tal-Gran Kunsill.

Il-Palazz beda jikber u nsibu lill-Gran Mastri Verdalls u Pinto de Fonseca jkomplu jibnu kmamar oħra fil-Palazz. Fl-1694 l-Ordni kellu Perellos bħala Gran Mastru. Bena parti oħra tal-palazz. B'hekk il-Palazz issa kellu żewġt ibtieħi. Fl-1741 ġie elett Pinto u dan fi żmienu biddel il-faċċata tal-Palazz u żied bieb ieħor ma' dak li diġà kien hemm.

Fi żmien l-Ingliżi seħħew aktar tibdiliet speċjalment ġewwa s-swali fejn tneħħew xi partijiet u żdiedu oħrajn bħala tiżjin. Is-Sala tal-Paġġi nbiddlet f'salott privat fejn il-Gvernatur kien jiltaqa' f'taħdidiet privati. L-Ingliżi iżda, ma biddlux id-dehra tal-Palazz u ħallewha kif ħallihilhom Pinto de Fonseca.

Kemm is-sala tal-Paġġi kif ukoll is-Sala tal-Ambaxxaturi għandhom affreski taħt is-saqaf impinġija minn Lionello Spada. B'kollox hemm 12-il waħda. Dan l-affresk fis-Sala tal-Paġġi juri lill-Ordni jirrestawraw ħitan tal-Fortifikazzjonijiet ta' Ġerusalem.

Is-Sala tal-Ambaxxaturi nbniet fi żmien Verdalla. Imma kien Alof de Wignacourt li qabbad lil Spada jpinġi sitt affreski. Ħames affreski għandom x'jaqsmu mal-Ordni waqt li kien Rodi u wieħed juri l-Ordni ġewwa Viterbo.

Dan is-*slide* juri lil L'Isle Adam dieħel Viterbo. Minn Viterbo l-Ordni telaq lejn Malta wara li l-Ordni aċċetta l-kundizzjoni ta' falkun fis-sena lir-Re ta' Spanja.

Fl-1697 kien elett Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann Ramon Perellos. Kienet drawwa li mal-elezzjoni l-Gran Mastru jagħti rigal lil Malta – il-Gioia. Perellos tana l-Arazzi.

Meta l-Arazzi waslu Malta kien instab li tnejn

minnhom kienu kbar wisq għall-post fejn kellhom jitqegħdu. Intbagħtu lura biex jiġu mċekkna.

Dan hu l-bieb li fil-passat kien jagħti għall-Armerija. Id-disinn tal-bieb hu ta' Romano Carapecchia, li għex u miet f'Malta. Taħt is-saqaf ta' dan il-kuritur hemm pittura nofs tond, saret fl-1887 u l-artist hu maħsub li kien Giovanni Bonello. It-tieni kuritur għandu xeni mill-battalji li saru bejn l-1714 u fl-1729. It-tielet kuritur hu dak magħruf bl-isem ta' Prinċep ta' Wales li fl-1862 kien jgħix fih. Il-lunetti juru battalji li seħħew bejn l-1700 u l-1764.

**Il-Mużew Nazzjonali tal-Arti**

Aħna li għadna żgħar fl-età niftakru dan il-bini bħala *Admiralty House*. Kien joqgħod f'din id-dar-palazz il-Kap Kmandant tal-Flotta Ingliża stazzjonata fil-Mediterran. Minħabba li l-palazz kellu jinbena flok Kastilja, it-triq faċċata tiegħu kienet issemmiet Strada del Palazzo. Inbnew djar u pallazzi mill-isbaħ fosthom din id-dar.

Fl-arkivji tal-Ordni ta' San Ġwann insibu li ħafna – Maltin u Kavallieri – urew kuraġġ u qlubija matul l-Assedju u li huma kkunsidrati bħala eroj. Fosthom hemm Fra Jean de Soubiran, li waqt l-Assedju kien imlaqqam Arafat. Kien hu li bena din id-dar. Imma Fra Jean ma bnihiex kif narawha llum. Kien biss fis-seklu 18 li l-Ordni biddlilha surietha kif narawha llum. Il-ħsieb kien li l-Balliju Fra Raimondo de Sousa Silva jirtira f'Malta. Fil-bidu nett tas-seklu 18 Sir Alexander Ball mar hemm u warajh marru diversi kapijiet Ingliżi. Iżda fl-1821 il-militar Ingliż ħa din id-dar taħt idejh. Kellha tkun ir-residenza uffiċjali tal-Kap Kmandant tal-Flotta Ingliża li kienet stazzjonata fil-Mediterran. Infatti għal ħafna snin kienet magħrufa bħala *Admiralty House*.

Ma naħsibx li llum hu l-waqt li nitkellem fuq x'hemm fis-swali u fil-kmamar f'dan il-Mużew. Imma nassigurakom li fiż-żjara tagħkom lil dan il-mużew tiskopru l-ħwejjeġ tar-rikkezzi li għandu.

L-aktar pittura li hi mfittxija f'dan il-mużew hi dik ta' Guido Reni - Kristu jżomm is-Salib. Naturalment naraw ir-raġuni meta nitkellmu fuqu meta nkunu quddiemu.

Hemm bozzetti ta' xogħlijiet li jinsabu Malta u oħrajn li x-xogħol aħħari tal-bozzetto jinsabu f'mużewijiet barra minn Malta. Hawnhekk wieħed jista' jara l-bozzetto ta' San Tumas ta' Villanova, xogħol Melchiorre Cafa. L-oriġinal ta' dan il-bozzetto qiegħed fil-mużew ta' Milan.

Fil-mużew m'aħniex ser naraw biss pittura u bozzetti tal-ġibs imma anki xi biċċiet ta' għamara antika kif ukoll għamara tal-knisja li llum inqatgħu għalkollox.

**Il-Palazz tal-Inkwiżitur**

Dan il-palazz hu wieħed mill-ftit li baqa' fl-Ewropa li f'nofs is-seklu 16 kienu palazzi popolari ħafna l-aktar fi Franza. Uħud spiċċaw maż-żmien u oħrajn ġew meqruda mill-Franċiżi fi Żmien ir-Revoluzzjoni.

Il-fatt li dan il-palazz għadu magħna huwa għax l-inkwiżituri nefqu ħafna flus biex żammewh fi stat tajjeb. Kien hemm inkwiżituri li naqsu bin-nofs is-salarju tagħhom biex ikunu jistgħu jagħmlu l-manutenzjoni meħtieġa. Il-fortuna għenet lill-palazz ukoll għax fit-Tieni Gwerra Dinjija, l-Birgu kien ħerba imma l-palazz ħelisha.

Il-palazz għadda minn tibdil kontinwu kemm fi żmien l-inkwiżituri kif ukoll minn dawk li ġew warajhom. B'danakollu għadu meqjus bħala ġawhra arkitettonika li hi wirt nazzjonali kif ukoll Ewropew.



Palazz tal-Inkwiżitur

Il-bidu tiegħu kien mal-wasla tal-Ordni f'Malta fl-1530. Kif bdew telgħin il-bereġ u bini ieħor tal-Ordni, beda jinbena dan il-Palazz. Inbena flok dar li kienet diġà hemm. Sa qabel l-Inkwiżizzjoni l-bini serva ta' Sede tas-Sant'Uffizzju kif ukoll il-Magna Curia Castellania - il-Qrati Ċivili. Ir-ritratt juri l-awla tal-qorti tal-Inkwiżizzjoni - it-tribunal.

L-Inkwiżituri kollha kienu ġejjin minn familji nobbli u sinjuri. Kienu jgħammru f'palazzi u djar kbar fl-Italja. Allura meta ġew Malta u marru l-Birgu qatt ma aċċettaw sitwazzjoni fejn a) ikunu jabitaw f'post li mhux dinjituż għall-istatus tal-familja tagħhom u b) l-inkwiżituri kollha kienu tal-fehma li l-inkwiżizzjoni kien jixirqilha sede mill-aqwa, bini kbir u maestuż. L-inkwiżitur li nefaq ħafna flus fil-bini kien Pannellini. Barra milli bena appartament mill-isbaħ għalih biex ma jitħallatx mas-servitù, bena ħabs ġdid ta' 7 ċellel fuq wara tal-palazz.

Il-ħabs tal-inkwiżizzjoni qatt ma kien ħabs fis-sigur. Dejjem kienu jaħarbu miċ-ċellel. Fl-istorja tal-palazz hemm irrekordjat li f'ġurnata waħda ġieli ħarbu sa 5 ħabsin. Hemm ukoll li ħabsi ħarab mill-ħabs għall-8 darbiet. Dan ir-ritratt hu tal-ħabs li għadu jagħmel parti mill-palazz. Minn ta' Pannellini ma baqa' xejn għax l-Ingliżi kienu waqqgħu ċ-ċellel u bnew post fejn is-suldati setgħu jilgħabu r-*"racket ball"*.

Fl-1798 ġie Napuljun Malta u keċċa lil kulħadd il-barra. B'hekk spiċċaw għalkollox kemm il-ħakma tal-Ordni kif ukoll l-Inkwiżizzjoni.

**Il-Mużew tal-Katidral**

Ġlormu Cassar beda jibni l-Kon-Katidral ta' San Ġwann fl-1572 u tlesta mill-ġebla fl-1758. Fl-1639 Lorenzo Gafa beda jibni l-Katidral tal-Mdina. Inħolqot sitwazzjoni fejn il-Katidral tad-Doċesi Maltija kien fl-Imdina u l-Knisja Konventwali tal-Ordni ta' San Ġwann kienet fil-Belt. Dawn iż-żewġ istituzzjonijiet spiċċaw biex it-tnejn li huma jakkwistaw numru kbir ta' teżori artistiċi. Maż-żmien iżda, San Ġwann akkwista wisq aktar mill-katidral u hu fatt li l-Konkatidral hu bil-wisq sinjur aktar mill-katidral. Dan iżda ma jfissirx li l-Knisja Matriċi m'għandhiex teżori interessanti, uniċi u prezzjużi. Dawn huma kollha miġbura fil-mużew.



Palazz

Il-bini nnifsu huwa post storiku, li jmur lura għas-seklu 18. Bnieh l-Isqof Alpheran de Busan - bejn 1733 u 1744 - biex ikun Seminarju. Wara t-tluq tal-Ordni minn Malta, għadda għand diversi personalitajiet, sakemm fl-aħħar ingħata lill-knisja bil-ħsieb li twaqqaf Mużew ta' kollezzjoni artistika sagra li tagħmel ġieħ lid-djoċesi ta' Malta. Fil-kantina ta' dan il-bini għadhom jidhru strutturi ta' Żmien ir-Rumani. Fil-mużew insibu sett ta' siġġijiet li kienu fil-kor tal-Katidral. Dawn is-siġġijiet qajmu polemika qawwija bejn l-Isqof Antonio d'Alagona u l-Kunsill tal-Imdina.

Fis-swali ta' fuq li huma akbar minn dawk t'isfel, hemm xogħlijiet artistiċi ta' valur. Hemm ukoll dawk li huma medjokri għall-aħħar. Il-polittiku ta' San Pawl minn dejjem kien fil-mira ta' studjużi tal-arti. Ta' min jgħid li l-aħħar restawr professjonali sar mill-mibki Samwel Buġeja - wieħed mit-tajbin nett fejn jidħol ir-restawr. Kien hu li kixef lill-ġuvnott iswed li kien ilu moħbi mijiet ta' snin. Forsi hawn min għadu jiftakar fil-polemika taħraq li qamet bejn Mario Buhagiar u l-kritika Ingliża Joanna Lace dwar l-awtur tal-Polittiku. Wara xi żmien Joanna għarfet li Buhagiar kellu raġun dwar min pinġa l-polittiku.

Antoine Favray hu rappreżentat tajjeb ħafna f'dan il-Mużew Kwadru żgħir li hemm fis-sala John Cauchi, hu wieħed mill-aktar importanti. Dan il-kwadru jismu l-Konfoffa tal-Ilsiera.

Dan huwa kwadru li hu magħdud bħala xogħol medjokri ħafna. Imma minħabba s-saċerdot li jidher fih li hu minn familja nobbli u minħabba tradizzjoni esaġerata sar kwadru famuż ħafna, aktar u aktar meta fl-aħħar daħal l-isqof fin-nofs.